

Permezz tat-tieni aggravju tagħha, li huwa maqsum f'ferba' partijet, il-Kummissjoni tinvoka ksur minn diversi aspetti, min-naħa tal-Qorti Ġeneral, tal-Artikolu 87(1) KE, flimkien mal-Artikolu 230 KE. F'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali ma rrispettatx il-kunċett ta' ghajjnuna meta eżiġiet konnessjoni mill-qrib bejn il-vantaġġ u l-impenn ta' riżorsi tal-Istat (l-ewwel parti), meta rrifxjut li tirri-konoxxi l-impenn ta' riżorsi tal-Istat fit-tħabbir u fl-offerta tal-kuntratt ta' azzjonist mill-Istat Franċiż lil France Télécom (it-tieni parti) u meta ma eżaminatx il-kriterju tal-investitur privat informat sabiex tiddetermina l-eżiżenza jew l-assenza ta' vantaġġ għal France Télécom (it-tielet parti). Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma rrispettatx il-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni meta tagħmel analiżi ekonomiċi kumplessi u meta tiddeċċedi dwar l-opportunità tad-deċiżjoni kkontestata (ir-raba' parti).

Permezz tat-tielet aggravju tagħha, il-Kummissjoni tallega li l-Qorti Ġenerali żnaturat id-deċiżjoni kkontestata meta kkunsidrat li hija kellha tagħti motivazzjoni iktar fil-fond fir-rigward tal-eżiżenza ta' vantaġġ distint li jirriżulta mill-offerta ta' kont ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni lil France Télécom u meta kkonstatat separazzjoni kunsiderevoli bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula wara Lulju 2002 u t-tħabbir tal-kuntratt ta' ħlas bil-quddiem minn azzjonist tal-4 ta' Diċembru 2002.

(<sup>1</sup>) ĠU L 257, p. 11.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-25 ta' Awwissu 2010 — Finanzamt Deggendorf vs Markus Stoppelkamp bħala l-likwidatur li jamministra l-patrimonju ta' Harald Raab**

**(Kawża C-421/10)**

(2010/C 317/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Finanzamt Deggendorf

Konvenut: Markus Stoppelkamp bħala l-likwidatur li jamministra l-patrimonju ta' Harald Raab

### **Domanda preliminari**

Sabiex persuna taxxabbli titqies li hija "persuna taxxabbli residenti barra" fis-sens tal-Artikolu 21(1)(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liggi jiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ (<sup>1</sup>) huwa biżżejjed li tkun stabbiliert il-post tan-negozju

tagħha barra mill-pajjiż jew huwa meħtieġ ukoll li din ikollha anki r-residenza privata tagħha barra mill-pajjiż?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-27 ta' Awwissu 2010 — Delphi Deutschland GmbH vs Hauptzollamt Düsseldorf**

**(Kawża C-423/10)**

(2010/C 317/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Düsseldorf

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Delphi Deutschland GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Düsseldorf

### **Domanda preliminari**

Il-konnekters tal-elettriku deskritt iktar preċiż f'din id-deċiżjoni jaqgħu taħt is-subintestatura 8536 69 tan-Nomenklatura Magħquda fil-verżjoni tagħha skont ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004, tas-7 ta' Settembru 2004 (<sup>1</sup>), Nru 1719/2005, tas-27 ta' Ottubru 2005 (<sup>2</sup>), u Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006 (<sup>3</sup>), li lkoll jemendaw l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tas-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana?

(<sup>1</sup>) ĠU L 327, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU L 286, p. 1.

(<sup>3</sup>) ĠU L 301, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija) fis-6 ta' Settembru 2010 — Peter Veselinov Aladzhov vs Zamestnik direktor na Stolichna direktsia na vatreshnите raboti kam Ministerstvo na vatreshnите raboti**

**(Kawża C-434/10)**

(2010/C 317/31)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

### **Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad Sofia-grad